31988R0222

L 28/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 1.2.1988

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 222/88
tat-22 ta' Diċembru 1987
li jemenda ċerti miżuri dwar l-applikazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib wara l-introduzzjoni tan-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3904/87 [2], u b'mod partikolari Artikolu 30 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [3], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3985/87 [4], stabbilixxa sistema armonizzata fir-rigward tan-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u tat-Tariffa Komuni Doganali; billi, wara l-istabbiliment tan-nomenklatura magħquda l-ġdida, adattamenti sinifikanti għandhom isiru lir-Regolament (KEE) Nru 804/68, li konsegwentement ġie adattat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3904/87; billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġu adattati ċerti Regolamenti oħra fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib; billi waqt li jittieħed kont tan-natura tal-adattamenti f'dak il-każ, huwa xieraq, skond Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill 3904/87 li dawn jitwettqu skond il-proċedura li hemm provvediment dwarha f'Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 7a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 985/68 tal-15 ta' Lulju 1968 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-intervent fis-suq tal-butir u tal-krema [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3466/87 [6], huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 7a*

Il-Kummissjoni għandha teżamina s-sitwazzjoni fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 0405 tan-nomenklatura magħquda li huma f'ħażniet pubbliċi u ma jistgħux jinbiegħu bil-kondizzjonijiet normali matul sena tal-ħalib. Miżuri xierqa għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68."

Artikolu 2

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1073/68 tal-24 ta' Lulju 1968 li jistabbilixxi regoli dettaljati għad-determinazzjoni tal-prezzijiet franki fil-fruntiera u biex jiġu ffissati levies fir-rigward tal-ħalib u prodotti tal-ħalib [7], qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

1. Artikolu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Prezzijiet franki fil-fruntiera għandhom jiġu stabbiliti skond il-bażi tal-opportunitajiet tax-xiri l-aktar favorevoli fil-kummerċ internazzjonali fil-prodotti elenkati f'Artikolu 1

[1] ĠU Nru L 148, 28. 6. 1968, p. 13
[2] ĠU Nru L 370, 30. 12. 1987, p. 1.
[3] ĠU Nru L 256, 7. 9. 1987, p. 1.
[4] ĠU Nru L 376, 31. 12. 1987, p. 1.
[5] ĠU Nru L 169, 18. 7. 1968, p. 1.
[6] ĠU Nru L 329, 20. 11. 1987, p. 8.
[7] ĠU Nru L 180, 26. 7. 1968, p. 25.

tar-Regolament (KEE) Nru 804/68, bl-eċċezzjoni tal-prodotti assimiljati li l-*levy* fuqhom ma tkunx daqs il-*levy* fuq il-prodott pilota relatat."

2. Artikolu 9 huwa mħassar;

3. F'Artikolu 11, ir-referenza għal "tar-Regolament (KEE) Nru 823/68" hija mibdulha bi "tar-Regolament (KEE) Nru 2915/79".

Artikolu 3

Artikolu 2 (1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1098/68 tas-27 ta' Lulju 1968 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3812/85 [2], huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Għal prodotti li jkunu taħlita ta' ħalib u zokkor, ir-rifużjoni għandha tkun daqs it-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent li jirrapreżenta l-kwantità tal-prodotti tal-ħalib;

(b) il-komponent li jirrapreżenta l-kwantità tas-sukrożju miżjud;

B'dana kollu, dan l-aħħar komponent japplika biss jekk is-sukrożju miżjud ikun ġie prodott mill-pitravi jew mill-kannamiela maħsuda fil-Komunità.

2. Għal ħalib ikkonċentrat imħallat maz-zokkor b'kontenut ta' xaħam bil-piż aktar baxx minn jew ekwivalenti għal 9,5 % il-komponent imsemmi fil-paragrafu 1 (a) għandu jkun stabbilit għal kull 100 kilogramma tal-prodott shiħ.

Għal prodotti l-oħra li ssir referenza dwarhom fil-paragrafu 1, il-komponent riferit fil-paragrafu 1 (a) għandu jiġi kkalkolat billi jkun immoltiplikat l-ammont bażiku bil-kontenut tal-prodott tal-ħalib tal-prodott f'dan il-każ.

L-ammont bażiku riferit fis-subparagrafu preċedenti għandu jkun ir-rifużjoni fuq kilogramma waħda tal-prodotti tal-ħalib li jkunu jinsabu fil-prodott."

Artikolu 4

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1216/68 tad-9 ta' Awissu 1968 li jistabbilixxi l-metodu biex jiġi stabbilit il-kontenut tal-lattosju tal-għalf mħallat tal-annimali importat minn pajjiżi terzi [3] qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

1. Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-metodu biex jiġi stabbilit il-kontenut tal-lattosju tal-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 2309 tan-nomenklatura magħquda huwa definit fl-Anness."

2. L-intestatura tal-Anness hija mibdula b'dan li ġej:

"Metodu analitiku biex jiġi stabbilit il-kontenut tal-lattosju ta' prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 2309 tan-nomenklatura magħquda."

Artikolu 5

Artikolu 6 (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 210/69 tal-31 ta' Jannar 1969 dwar komunikazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fir-rigward ta' prodotti tal-ħalib [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2686/87 [5], huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni bit-telex kull jum tax-xogħol qabel is-6.00 p.m., għall-prodotti riferiti f'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68, il-kwantitajiet li fir-rigward tagħhom ikunu ġew ippreżentati applikazzjonijiet għall-liċenzji tal-esportazzjoni, fit-tifsira ta' Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 3183/80, fil-jum li ssir il-komunikazzjoni, u janalizzawhom skond il-kategorija tal-prodott, indikata bin-numru tal-kodiċi kif mogħti fir-Regolamenti li jiffissaw ir-rifużjonijiet għall-ħalib u prodotti tal-ħalib esportati mingħajr aktar ipproċessar.

Il-komunikazzjonijiet dwar il-liċenzji tal-esportazzjoni għal prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 0402 10 19, 0402 21 17, 0402 21 19, 0402 21 99 u l-intestatura Nru 0405 tan-nomenklatura magħquda għandhom jiddistingwu bejn il-liċenzji tal-esportazzjoni riferiti f'Artikolu 4 (1) u dawk riferiti f'Artikolu 4 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 2729/81 (bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni jew mingħajru).

Meta jikkomunikaw l-informazzjoni riferita fis-subparagrafu t'hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jiddikjaraw:

(a) id-destinazzjoni speċifikata skond Artikolu 4 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 2729/81, fit-Sezzjoni 13 tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni, u jżidu l-kodiċi ġeografika kif stabbilita fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3431/85 dwar l-aġġornar annwali tan-nomenklatura tal-pajjiż għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità u tal-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, u

(b) il-kwantità jew il-kwantitatjiet għal kull destinazzjoni."

[1] ĠU Nru L 184, 29. 7. 1968, p. 10.
[2] ĠU Nru L 368, 31. 12. 1985, p. 3.
[3] ĠU Nru L 198, 10. 8. 1968, p. 13.
[4] ĠU Nru L 28, 5. 2. 1969, p. 1.
[5] ĠU Nru L 254, 5. 9. 1987, p.13.

Artikolu 6

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1411/71 tad-29 ta' Lulju 1971 li jistabbilixxi regoli addizzjonali dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib li jinvolvu prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura tat-tariffa Nru 0401 tat-Tariffa Komuni Doganali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 566/76 [2], huwa emendat kif ġej:

1. L-intestatura hija mibdula b'dan li ġej:

"li jistabbilixxi r-regoli addizzjonali dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib għall-ħalib taxxorb"

2. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament japplika għall-prodotti li ġejjin:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0401	Ħalib u krema, mħux ikkonċentrati w anqas ma fihom zokkor jew xi materja oħra ta' ħlewwa miżjuda
ex 0403 10 11 ex 0403 10 13 ex 0403 10 19 ex 0403 90 51 ex 0403 90 53 ex 0403 90 59	Xorrox tal-Butir, ħalib imbaqat u krema, jogurt, kefir u ħalib jew krema oħra iffermentati; sew jekk ikkonċentrati u anki jekk le jew li jkun fihom iz-zokkor jew xi materja oħra ta' ħlewwa miżjuda jew imħawwra jew li jkun fihom frott, lewż, jew kawkaw miżjuda"

Artikolu 7

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2730/75 [3]. tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-applikazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib għall-glukosju u l-lattosju, huwa b'dan emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

It-trattament li hemm provvediment dwaru bir-Regolament (KEE) Nru 2727/75 u bid-disposizzjonijiet adottati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-glukosju u l-ġulepp tal-glukosju li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1702 30 91, 1702 30 99 u 1702 40 90 tan-nomenklatura magħquda għandu jiġi estiz għall-glukosju u l-ġulepp tal-glukosju li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1702 30 51 u 1702 30 59 tan-nomenklatura magħquda."

2. Artikolu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

It-trattament li hemm provvediment dwaru bir-Regolament (KEE) Nru 804/68 u bid-disposizzjonijiet adottati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-lattosju u l-ġulepp tal-lattosju li jaqgħu taħt is-subintestatura 1702 10 90 tan-nomenklatura magħquda għandu jiġi estiz għall-lattosju u l-ġulepp tal-lattosju li jaqgħu taħt is-subintestatura 1702 10 10 tan-nomenklatura magħquda."

3. Artikolu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Meta t-trattament mogħti lill-glukosju u l-ġulepp tal-glukosju li jaqgħu rispettivament taħt is-subintestaturi 1702 30 91, 1702 30 99, 1702 40 90 u 1702 10 90 tan-nomenklatura magħquda jiġi emendat skond Artikolu 43 tat-Trattat jew skond il-proċeduri stabbiliti għall-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu, dawk l-emendi għandhom jestendu kif ikun xieraq għall-glukosju u l-ġulepp tal-glukosju jew għall-lattosju u l-ġulepp tal-lattosju li jaqgħu rispettivament taħt is-subintestaturi 1702 30 51, 1702 30 59 u 1702 10 10 tan-nomenklatura magħquda, ħlief jekk, skond l-istess proċeduri, jittieħdu miżuri oħra biex jiġi armonizzat it-trattament applikabbli għal dawn il-prodotti mat-trattament applikabbli għal dawk diġa msemmija."

Artikolu 8

Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 368/77 tat-23 ta' Frar 1977 dwar il-bejgħ bl-offerti tat-trab tal-ħalib xkumat għall-użu fl-għalf għall-annimali minbarra għoġiela żgħar, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1413/87 [4], huwa mibdul b'dan li ġej [5]:

"*Artikolu 19*

1. L-għajnuna li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 m'għandhiex tingħata għat-trab tal-ħalib xkumat mibjugħ permezz ta' dan ir-Regolament.

2. Fil-każ tat-trab tal-ħalib xkumat mibjugħ permezz ta' dan ir-Regolament u:

— mibgħut lil Stat Membru ieħor fl-istat naturali tiegħu, l-ammont tal-kumpens monetarju stabbilit skon d ir-Regolament (KEE) Nru 974/71 għandu, fil-każ tal-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestatura 0402 10 19 tan-nomenklatura magħquda jiġi moltiplikat bil-koeffiċjent elenkat taħt in-nota li tikkorrispondi fis-sezzjoni 5 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-ammonti ta' kumpens monetarju;

— mibgħut lil Stat Membru ieħor jew esportat lejn pajjiżi li m'humiex membri jew wara li n-natura tiegħu tkun ġiet mibdula jew wara l-inkorporazzjoni f'oġġetti tal-ikel komposti, l-ammonti ta' kumpens monetarju stabbiliti skond ir-Regolament (KEE) Nru 974/71 għandhom, fil-każ tal-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi:

[1] ĠU Nru L 148, 3. 7. 1971, p. 4.
[2] ĠU Nru L 67, 15. 3. 1976, p. 23.
[3] ĠU Nru L 281, 1. 11. 1975, p. 20
[4] ĠU Nru L 52, 24. 2. 1977, p. 19.
[5] ĠU Nru L 135, 23. 5. 1987, p. 15.

— 2309 10 15 u 2309 90 35,

— 2309 10 19 u 2309 90 39,

— 2309 10 39 u 2309 90 49,

— 2309 10 59 u 2309 90 59,

— 2309 10 70 u 2309 90 70,

tan-nomenklatura magħquda jiġu moltiplikati bil-koeffiċjent elenkat taħt in-nota li tikkorrispondi fis-sezzjoni 5 t'Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-ammonti ta' kumpens monetarju.

Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' taġġusta dawn il-koeffiċjenti.'"

Artikolu 9

Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1844/77 tal-10 ta' Awissu 1977 dwar l-għoti tal-għajnuna speċjali għat-trab tal-ħalib xkumat intiż bħala għalf għall-annimali minbarra l-għoġiela żgħar [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1650/85 [2], u sospiż bir-Regolament (KEE) Nru 2224/85 [3], huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 17

Fir-rigward tat-trab tal-ħalib xkumat li n-natura tiegħu ġiet mibdula skond l-Artikolu 9 (2

— ikkonsenjat lil Stat Membru ieħor, jew

— esportat lejn pajjiż li m'huwiex membru,

l-ammonti ta' kumpens monetarju stabbiliti skond ir-Regolament (KEE) Nru 974/71 fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi:

— 2309 10 15 u 2309 90 35,

— 2309 10 19 u 2309 90 39,

— 2309 10 39 u 2309 90 49,

— 2309 10 59 u 2309 90 59,

— 2309 10 70 u 2309 90 70,

tan-nomenklatura magħquda jiġu multiplikati bil-koeffiċjent elenkat taħt in-nota li tikkorrispondi fis-sezzjoni 5 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-ammonti ta' kumpens monetarju.

Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' taġġusta dawn il-koeffiċjenti.'"

Artikolu 10

Il-Parti I (Ċ) tal-Ftehim dwar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2042/77 tat-13 ta' Settembru 1977 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Awstrija u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar ċerti tipi ta' ġobniet innegozjat permezz ta' Artikolu XXVIII tal-GATT [1], huwa b'dan emendat kif ġej:

"(ċ) għall-importazzjoni fl-Awstrija tal-ġobniet li ġejjin li joriġinaw mill-Komunità magħmula mill-ħalib tal-baqar, bl-eċċezzjoni tal-ġobon li ssir referenza għalih taħt (a) u (b) hawn fuq, l-Awstrija għandha tapplika ħlas fuq l-importazzjoni impost ta' 500 schillings Awstrijaċi kull 100 kilogramma sakemm dak il-ġobon ikun akkumpanjat b'ċertifikat approvat dwar il-kwalità u l-oriġini:

L-intestatura jew is-subintestatura fit-tariffa doganali Awstrijaka	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Dazju fuq l-importazzjoni f'schillings kull 100 kg
0406 10 A 1b 0406 10 A 2b ex 0406 90 A 1d ex 0406 90 A 1e ex 0406 90 A 1f ex 0406 90 A 2d ex 0406 90 A 2e ex 0406 90 A 2f	Ġobon b'kontenut ta' ilma kkalkolat fuq il-materja bla xaħam li jeċċedi 62 %	500"

[1] ĠU Nru L 205, 11. 8. 1977, p. 11.
[2] ĠU Nru L 159, 19. 6. 1985, p. 30.
[3] ĠU Nru L 205, 3. 8. 1985, p. 24.
[4] ĠU Nru L 237, 16. 9. 1977, p. 1.

Artikolu 11

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 776/78 tat-18 ta' April 1978 dwar l-applikazzjoni tar-rata ta' rifużjoni l-aktar baxxa fuq l-esportazzjoni tal-prodotti tal-ħalib u li jħassar u jemenda ċerti Regolamenti [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3812/85 [2], huwa b'dan emendat kif ġej:

1. L-Anness I huwa mibdul b'dan li ġej:

"ANNESS 1

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Destinazzjoni
0406	Ġobon u baqta	L-Awstrija
0406 30 31 0406 30 39 0406 30 90	Ġobon ipproċessat, mhux maħkuk jew magħmul trab	L-Isvizzera
ex 0406	Prodotti li jinsabu fil-lista fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 1953/82	L-Isvizzera"

2. Anness II huwa mibdul b'dan li ġej:

"ANNESS II

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Destinazzjoni
0401	Ħalib u krema, mhux ikkonċentrati u lanqas ma fihom żieda ta' zokkor u materja oħra ta' ħlewwa	Żona E [1]
0402	Ħalib u krema, ikkonċentrati li fihom żieda ta' zokkor jew materja oħra ta' ħlewwa	Żona E [1]
ex 0403	Xorrox tal-butir, ħalib imbaqat u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn iffermentati jew aċidifikati, sew jekk ikkonċentrati jew le jew li fihom żieda ta' zokkor jew materja oħra ta' ħlewwa jew imħawwra jew li jkun fihom żieda ta' frott, lewż jew kawkaw	Żona E [1]
0404	Xorrox, sew jekk konċentrat jew le jew li jkun fih iz-zokkor jew xi materja oħra ta' ħlewwa miżjuda; prodotti li jikkonsistu f'kostitwenti tal-ħalib naturali sew jekk ikun fihom iz-zokkor jew materja oħra tal-ħlewwa miżjuda jew le, mhux inklużi jew speċifikati x'imkien ieħor:	Żona E [1]
0405	Butir u xaħmijiet u żjut oħra miksuba minn ħalib	Żona E [1]

[1] Ara l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1098/68.

[1] ĠU Nru L 105, 19. 4. 1978, p. 5.
[2] ĠU Nru L 368, 31. 12. 1985, p. 3.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Destinazzjoni
2309	Preparazzjonijiet tat-tip użati fl-għalf tal-annimali:	Zona E (1)
2309 10	— Ikel tal-klieb jew tal-qtates, mqiegħed għall-bejgħ bl-imnut:	
	— — Li jkun fih il-lamtu, il-glukosju, il-ġulepp tal-glukosju, il-maltodextrin jew ġulepp tal-maltodextrin li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1702 30 51 sa 1702 30 99, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti tal-ħalib:	
	— — — Li jkun fihom il-lamtu, l-glukosju, l-ġulepp tal-glukosju, il-maltodextrin jew ġulepp tal-maltodextrin:	
	— — — — Li ma jkunx fihom lamtu jew li jkun fihom 10 % jew anqas lamtu bil-piż:	
2309 10 15	— — — — Li jkun fihom mhux anqas minn 50 % iżda anqas minn 75 % bil-piż ta' prodotti tal-ħalib	
2309 10 19	— — — — — Li jkun fihom mhux anqas minn 75 % bil-piż ta' prodotti tal-ħalib	
2309 10 70	— — — Li ma jkunx fihom il-lamtu, l-glukosju, l-ġulepp tal-glukosju, il-maltodextrin jew il-ġulepp tal-maltodextrin iżda li jkun fihom prodotti tal-ħalib	
2309 90	— Oħrajn:	
2309 90 10	— — Sustanzi li jinħallu mill-ħut jew mammali marini	
	— — Oħrajn:	
	— — — Li jkun fihom il-lamtu, il-glukosju, il-ġulepp tal-glukosju, il-maltodextrin jew il-ġulepp tal-maltodextrin li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1702 30 51 sa 1702 40 90, 1702 90 50, u 2106 90 55 jew prodotti tal-ħalib:	
	— — — Li jkun fihom il-lamtu, l-glukosju, l-ġulepp tal-glukosju, il-maltodextrin jew il-ġulepp tal-maltodextrin:	
	— — — — — Li ma jkunx fihom lamtu jew li jkun fihom 10 % jew anqas lamtu bil-piż	
2309 90 35	— — — — — — Li jkun fihom mhux anqas minn 50 % iżda anqas minn 75 % bil-piż ta' prodotti tal-ħalib	
2309 90 39	— — — — — — Li jkun fihom mhux anqas minn 75 % bil-piż ta' prodotti tal-ħalib	
2309 90 70	— — — — Li ma jkunx fihom il-lamtu, l-glukosju, l-ġulepp tal-glukosju, il-maltodextrin jew il-ġulepp tal-maltodextrin iżda li jkun fihom prodotti tal-ħalib	

(1) Ara l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1098/68. "

Artikolu 12

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 262/79 tat-12 ta' Frar 1979 dwar il-bejgħ ta' butir bi prezzijiet imnaqqsa għall-użu fil-manifattura tal-prodotti tal-għaġina, il-ġelat u l-oġġetti oħra tal-ikel (1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1291/86 (2), huwa b'dan emendat kif ġej:

1. F'Artikolu 4:

(a) Il-Paragrafi 1 u 2, il-Formuli A u B rispettivament, huma mibdula b'dan li ġej:

"1. *Formula A*:

(a) Il-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1905 20, 1905 30, 1905 90 40, 1905 90 50, 1905 90 60 u 1905 90 90 tan-nomenklatura magħquda;

(1) ĠU Nru L 41, 16. 2. 1979, p. 1.

(2) ĠU Nru L 114, 1. 5. 1986, p. 61.

(b) il-prodotti li ġejjin imqegħda għall-bejgħ bl-imnut:

— il-ħelu taz-zokkor li jaqa' taħt is-subintestaturi 1704 90 51, 1704 90 75 u 1704 90 99 tan-nomenklatura magħquda,

— il-ħelu taz-zokkor li jaqa' taħt is-subintestatura 1806 90 50 tan-nomenklatura magħquda,

— l-oġġetti taċ-ċikkulata, mimlija, mqegħda għall-bejgħ bl-imnut, li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1806 31 00, 1806 90 11, 1806 90 19 u 1806 90 31 tan-nomenklatura magħquda,

— il-preparazzjonijiet oħra tal-ikel li jkun fihom il-kawkaw, minbarra ċ-ċikkulata w l-oġġetti taċ-ċikkulata li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1806 20, 1806 31 00, 1806 32, 1806 90 39, 1806 90 60, 1806 90 70 u 1806 90 90 tan-nomenklatura magħquda.

Il-kontenut xaħmi tal-ħalib bil-piż li jkun fil-materja xotta tal-prodotti elenkati f' (b) jew tal-kostitwenti ta' dawn il-prodotti li jibbenefikaw mill-għajnuna, ma jkunx anqas minn 4 % u mhux aktar minn 30 %. Dan il-kontenut għandu jiġi speċifikat fuq il-pakketti li jintbagħtu fihom.'

2. *Formula B*:

(a) il-ġelati li jaqgħu taħt is-subintestaturi 2105 00 91 u 2105 00 99 tan-nomenklatura magħquda u li jkun fihom mill-anqas 5 % u mhux aktar minn 20 % bil-piż ta' xaħam tal-ħalib, jew

(b) il-preparazzjonijiet, minbarra l-jogurt u trab tal-jogurt, għall-manifattura tal-ġelati li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1806 20 90, 1806 90 90, 1901 90 90 u 2106 90 99 tan-nomenklatura magħquda u li jkun fihom mill-anqas 10 % u mhux aktar minn 33 % bil-piż ta' xaħam tal-ħalib fil-materja xotta u bi ħwawar w emulsjonanti jew stabbilizzaturi wieħed jew aktar, li huma adattati għall-konsum mingħajr aktar trattament barra ż-żieda tal-ilma w it-trattament neċessarju mekkaniku u l-iffriżar."

(b) Fil-paragrafu 3, Formula Ċ,

(aa) il-frażi li tintroduċi dan il-paragrafu hija mibdula b'dan l-ġej:
"Il-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1901 20 00 u 1901 90 90 tan-nomenklatura magħquda."

(bb) Fis-subparagrafu (a), il-kliem "19.08 tat-Tariffa Komuni Doganali" huma mibdula bi "1905 tan-nomenklatura magħquda",

(ċċ) Fis-subparagrafu (b), taħt l-ittri (aa), "19.02" hija mibdula bi "1901".

(dd) Fis-subparagrafu (b), it-test taħt l-ittri (bb) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(bb) mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' (dd), l-ipproċessar fi prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1901 20 00 u 1901 90 90 tan-nomenklatura magħquda kif riferuti taħt (a) jista' jsir biss fi stabbilimenti approvati, skond id-disposizzjonijiet ta' Artikolu 9, mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu isir dak l-ipproċessar;"

(ċ) Fil-paragrafu 4, il-formula D, l-espressjoni "16.04 u 16.05 tat-Tariffa Komuni Doganali" hija mibdula bi "1604 u 1605 tan-nomenklatura magħquda".

2. Anness IV huwa mibdul b'dan l-ġej:

"*ANNESS IV*

1. **'Frak taċ-cikkulata':**

Komposizzjoni (kontenut bil-piż)

— xaħam tal-ħalib: aktar minn 6,5 % iżda anqas minn 11 %,

— kawkaw: aktar minn 6,5 % iżda anqas minn 15 %,

— sukrożju: (inkluż iz-zokkor invers ikkalkolat bħala sukrożju): aktar minn 50 % iżda anqas minn 60 %,

— materja xotta tal-ħalib mingħajr xaħam aktar minn 17 % iżda anqas minn 30 %,

— ilma: aktar minn 0,5 % iżda anqas minn 3,5 %,

2. **Kisi għall-gallettini u l-kejkijiet**

Kompożizzjoni (kontenut bil-piż):

— xaħam tal-ħalib: 4 % jew aktar iżda anqas minn 6 %,

— kawkaw: mhux aktar minn 55 %,

— sukrożju (inkluż iz-zokkor invers ikkalkolat bħala sukrożju): anqas minn 50 %.

3. **Il-custard tad-dolċiera**

Komposizzjoni tat-trab (kontenut bil-piż):

— xaħam tal-ħalib: 4 % jew aktar iżda anqas minn 8 %,

— trab tal-ħalib xkumat: 8 % jew aktar iżda anqas minn 15 %,

— sukrożju (inkluż iz-zokkor invers espress bħala sukrożju): 45 % jew aktar iżda anqas minn 55 %,

— lamtu pre-ġelatinizzat: 20 % jew aktar iżda anqas minn 25 %,

— emulsjonanti, ħwawar u mluħa: anqas minn 5 %."

Artikolu 13

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2915/79 tat-18 ta' Diċembru 1979 li jistabbilixxi l-gruppi ta' prodotti u d-disposizzjonijiet speċjali għall-kalkolazzjoni tal-levies fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 950/68 dwar it-Tariffa Komuni Doganali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2346/87 [2], huwa emendat kif ġej:

1. It-titolu huwa emendat kif ġej:

"Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2915/79 tat-18 ta' Diċembru 1979, li jistabbilixxi l-gruppi ta' prodotti u d-disposizzjonijiet speċjali għall-kalkolazzjoni tal-levies fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib."

2. Artikoli 1 sa 16 huma mibdula b'dawn l-Artikoli:

"*Artikolu 1*

Il-gruppi tal-prodotti riferiti f'Artikolu 14 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 u l-prodott pilota għal kull grupp għandhom ikunu kif indikat fl-Anness.

Artikolu 2

Il-*levy* fuq 100 kilogramma ta' prodott fil-Grupp 1 għandha tkun ekwivalenti:

1. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0404 10 19 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota, immoltiplikat b'koeffiċjent li jesprimi l-proporzjon tal-piż bejn it-trab tax-xorrox, fi granuli jew fil-forma ta' solidi oħra li jkunu jinsabu fil-prodott, minn-naħa l-waħda, u l-prodott fih innifsu, minn-naħa l-oħra,

   (b) il-komponent sabiex jittieħed kont tal-kwantità taż-żieda taz-zokkor jew ta' materja oħra tal-ħlewwa;

2. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0404 10 91 tan-nomenklatura magħquda, għal-levy fuq il-prodott pilota, immoltiplikat b'koeffiċjent li jesprimi l-proporzon tal-piż bejn il-kwantità tal-ingredjenti tal-ħalib espressi f'materja xotta li jkunu jinsabu fil-prodott, minn-naħa l-waħda, u l-prodott fih innifsu, minn-naħa l-oħra;

3. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0404 10 99 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 2,

   (b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 1(b).

Artikolu 3

Il-levy fuq 100 kilogramma ta' prodott fil-Grupp 2 għandha tkun ekwivalenti:

1. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0402 10 11, 0403 90 11, 0404 90 11 u 0404 90 31 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota, u

   (b) il-komponent ekwivalenti għal 7,25 ECU;

2. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0404 10 91 u 0403 90 31 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 3(a),

   (b) il-komponent ekwivalenti għal 7,25 ECU, u

   (ċ) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità ta' zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda;

3. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0402 10 99, 0404 90 51 u 0404 90 91 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota, immoltiplikat b'koeffiċjent li jesprimi l-proporzon tal-piż bejn il-kontenut tat-trab tal-ħalib fil-prodott fi granuli jew fil-forma ta' solidi oħra tal-ħalib, minn-naħa l-waħda, u l-prodott innifsu, minn-naħa l-oħra,

   (b) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità taż-żieda taz-zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa;

4. jekk jaqa' taħt is-subintestatura ex 2309 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent applikabbli biss jekk il-kontenut tal-lamtu tal-prodott in kwisjoni jeċċedi l-10 %, waqt li

[1] ĠU Nru L 329, 24. 12. 1979, p. 1.
[2] ĠU Nru L 213, 4. 8. 1987, p. 1.

dak il-komponent ikun ekwivalenti għall-medja tal-levies għal 100 kilogramma ta' qamħirrum, immultiplikat b'koeffiċjent ta':

— 0,16 għall-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 2309 10 39 u 2309 90 49,

— 0,50 għall-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 2309 10 59 u 2309 90 59,

Il-medja tal-levies fuq 100 kilogramma ta' qamħirrum għandha tkun ekwivalenti għall-medja tal-levies ikkalkolati għall-ewwel 25 jum tax-xahar tal-importazzjoni, aġġustata fejn ikun meħtieġ b'referenza għall-limitu tal-prezz dominanti fix-xahar tal-importazzjoni;

(b) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota tal-Grupp 2 immoltiplikat b'koeffiċjent ta':

— 0,75 għall-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 2309 10 15 u 2309 90 35,

— 0,98 għall-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 2309 10 19, 2309 90 39, 2309 10 70 u 2309 90 70,

— 0,90 għall-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 2309 10 39 u 2309 90 49,

— 0,70 għall-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 2309 10 59 u 2309 90 59,

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 2,42 ECU.

Artikolu 4

Il-levy fuq 100 kilogramma ta' prodott fil-Grupp 3 għandha tkun ekwivalenti:

1. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0402 21 11, 0403 90 13, 0404 90 13 u 0404 90 33 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota, u

(b) il-komponent ekwivalenti għal 7,25 ECU;

2. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0402 21 91, 0403 90 19, 0404 90 19 u 0404 90 39 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy ikkalkolata skond il-punt 3, u

(b) il-komponent ekwivalenti għal 7,25 ECU;

3. jekk taqa' taħt is-subintestatura 0402 21 99 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota,

(b) il-komponent stabbilit li jieħu akkont tal-valur ogħla fir-rigward ta' dak għall-prodott pilota, tal-prodott li jaqa' taħt is-subintestatura hawn fuq imsemmija b'kontenut ta' xaħam bil-piż ta' 80 %, jew b'kontenut ogħla ta' xaħam jitqegħdu fuq is-suq;

4. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0402 29 11, 0402 29 15 u 0403 90 33 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 6(a),

(b) il-komponent ekwivalenti għal 7,25 ECU,

(ċ) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità miżjuda ta' zokkor jew ta; materja oħra ta' ħlewwa;

5. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0402 29 91, 0403 90 39, 0404 90 59 u 0404 90 99 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 7(a),

(b) il-komponent ekwivalenti għal 7,25 ECU, u

(ċ) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità miżjuda ta' zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa;

6. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0402 29 19 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota, immoltiplikat b'koeffiċjent li jesprimi l-proporzon tal-piż bejn it-trab tal-ħalib, fi granuli jew fil-forma ta' solidi oħra, li jkun jinsab fil-prodott u l-prodott innifsu, u

(b) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità taż-żieda taz-zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa;

7. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0402 29 99 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti seġwenti:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy ikkalkolata skond il-punt 3, immoltiplikat b'koeffiċjent li jesprimi l-proporzon tal-piż bejn it-trab tal-ħalib li jkun jinsab fil-prodott u l-prodott innifsu, u

(b) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità miżjuda ta' zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa.

Artikolu 5

Il-*levy* fuq 100 kilogramma ta' prodott fil-Grupp 4 u li jaqa' taħt is-subintestaturi 0402 91 31 u 0402 91 39 tan-nomenklatura magħquda għandu jkun ekwivalenti għal-*levy* fuq il-prodott pilota immoltiplikata b'koeffiċjent ta' 1,25.

Artikolu 6

Il-*levy* fuq 100 kilogramma ta' prodott fil-Grupp 6 għandha tkun ekwivalenti:

1. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0404 10 10 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 2, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,0938,

   (b) il-komponent ekwivalenti għal-levy għall-prodott pilota ta' Grupp 6, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,0119,

   (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 3,63 ECU.

2. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0401 10 90 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 1(a),

   (b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 1 (b),

   (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 2,42 ECU.

3. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0401 20 11 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 2, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,0990,

   (b) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 6, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,0358,

   (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 3,63 ECU.

4. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0401 20 19 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 3 (a),

   (b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 3 (b),

   (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 2,42 ECU.

5. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0401 20 91 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 2, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,0677,

   (b) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 6, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,0717,

   (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 3,63 ECU.

6. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0401 20 99 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent kalkolat skond il-punt 5 (a),

   (b) il-komponent kalkolat skond il-punt 5(b).

   (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 2,42 ECU.

7. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0401 30 11 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal- komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 2, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,0771;

   (b) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 6, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,2508,

   (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 3,63 ECU.

8. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0401 30 19 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 7 (a);

   (b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 7(b);

   (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 2,42 ECU;

9. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0401 30 31 u 0402 91 51 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

   (a) il-komponent ekwivalenti għall-prodott pilota ta' Grupp 2, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,0573;

   (b) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 6, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,5374;

   (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 3,63 ECU;

10. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0401 30 39 u 0402 91 59 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

    (a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 9 (a);

    (b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 9(b);

    (ċ) il-komponent ekwivalenti għal 2,42 ECU;

11. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0401 30 91 u 0402 91 91 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 6, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,9554,

(b) il-komponent ekwivalenti għal 3,63 ECU:

12. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0401 30 99 u 0402 91 99 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 11 (a),

(b) il-komponent ekwivalenti għal 2,42 ECU:

13. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0402 99 31 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy ikkalkolat skond il-punt 9 (a) u (b), immoltiplikat bil-koeffiċjent li jesprimi r-relazzjoni bil-piż bejn l-ingredjenti tal-ħalib li jkunu jinsabu fil-prodott, minn-naħa l-waħda, u l-prodott innifsu, minn-naħa l-oħra,

(b) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità taż-żieda taz-zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa;

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 3,63 ECU;

14. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0402 99 39 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 13 (a),

(b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 13 (b),

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 2,42 ECU;

15. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0402 99 91 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy ikkalkolat skond il-punt 11 (a), immoltiplikat bil-koeffiċjent li jesprimi r-relazzjoni bil-piż bejn l-ingredjenti tal-ħalib li jkunu jinsabu fil-prodott, minn-naħa l-waħda, u l-prodott innifsu, minn-naħa l-oħra,

(b) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità miżjuda ta' zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa;

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 3,63 ECU;

16. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0402 99 99 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 15 (a),

(b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 15 (b),

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 2,42 ECU;

17. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0404 10 11 u 0403 90 51 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 3 (a),

(b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 3 (b),

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 6,04 ECU;

18. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0403 10 13 u 0403 90 53 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 5 (a),

(b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 5 (b),

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 6,04 ECU;

19. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0403 10 19 u 0403 90 59 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 7 (a),

(b) il-komponent ikkalkolat skond il-punt 7 (b),

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 6,04 ECU;

20. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0403 10 31 u 0403 90 61 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy kalkolat skond il-punt 17 (a) u (b), immoltiplikat bil-koeffiċjent li jesprimi r-relazzjoni bil-piż bejn l-ingredjenti tal-ħalib li jkunu jinsabu fil-prodott, minn-naħa l-waħda, u l-prodott innifsu, minn-naħa l-oħra,

(b) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità miżjuda ta' zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa;

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 6,04 ECU;

21. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0403 10 33 u 0403 90 63 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy ikkalkolat skond il-punt 18 (a) u (b), immoltiplikat bil-koeffiċjent li jesprimi r-relazzjoni bil-piż bejn l-ingredjenti tal-ħalib li jkunu jinsabu fil-prodott, minn-naħa l-waħda, u l-prodott innifsu, minn-naħa l-oħra,

(b) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità miżjuda ta' zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa;

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 6,04 ECU;

22. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0403 10 39 u 0403 90 69 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy ikkalkolat skond il-punt 19 (a) u (b), immoltiplikat bil-koeffiċjent li jesprimi r-relazzjoni bil-piż bejn l-ingredjenti tal-ħalib li jkunu jinsabu fil-prodott, minn-naħa l-waħda, u l-prodott innifsu, minn-naħa l-oħra,

(b) il-komponent sabiex jittieħed akkont tal-kwantità miżjuda ta' zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa;

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 6,04 ECU;

23. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0405 00 90 tan-nomenklatura magħquda, il-levy għall-prodott pilota immoltiplikat bil-koeffiċjent 1,22.

Artikolu 7

Il-*levy* fuq 100 kilogramma fuq prodott fil-Grupp 11 għandha tkun ekwivalenti:

1. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0406 10 10, 0406 90 71, 0406 90 91 u 0406 90 93 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 11,

(b) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 6, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,18;

2. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0406 10 90, 0406 90 97, u 0406 90 99 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 11,

(b) il-komponent ekwivalenti għal 96,72 ECU:

3. jekk jaqa' taħt is-subintestaturi 0406 30 10 u 0406 30 39 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 11, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,60,

(b) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 6, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,24,

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 12,09 ECU;

4. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0406 30 31 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 11, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,80,

(b) il-komponent ekwivalenti għal-levy fuq il-prodott pilota ta' Grupp 6, immoltiplikat bil-koeffiċjent 0,05,

(ċ) il-komponent ekwivalenti għal 12,09 ECU;

5. jekk jaqa' taħt is-subintestatura 0406 30 90 tan-nomenklatura magħquda, għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għal-levy ikkalkolat skond il-punt 3,

(b) il-komponent ekwivalenti għal 96,72 ECU.

Artikolu 8

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' Artikolu 12, il-levy fuq 100 kilogramma ta' prodott fil-Grupp 11 hija ekwivalenti għall-limitu tal-prezz imnaqqas bi:

(a) 249,04 ECU kull 100 kilogramma, jekk ikun prodott li jaqa' taħt is-subintestaturi 0406 90 25 u 0406 90 27 tan-nomenklatura magħquda, b'kontenut ta' xaħam bil-piż tal-materja xotta ta' mhux aktar minn 48 %,

(b) 249,04 ECU kull 100 kilogramma u miżjud b'komponent ekwivalenti għal 24,18 ECU, jekk ikun prodott li jaqa' taħt is-subintestaturi 0406 90 25 u 0406 90 27 tan-nomenklatura magħquda, b'kontenut ta' xaħam bil-piż tal-materja xotta ta' mhux aktar minn 48 %,

(ċ) 261,13 ECU kull 100 kilogramma jekk ikun prodott li jaqa' taħt is-subintestaturi 0406 90 29, 0406 90 31 u 0406 90 50 tan-nomenklatura magħquda,

bil-kondizzjoni li l-prezz fuq l-importazzjoni ma jkunx aktar baxx mill-ammont li jiġi mnaqqas mill-prezz tal-limitu. B'dana kollu, l-prezz fuq l-importazzjoni għall-prodotti riferiti hawn fuq taħt (ċ) ma jistax ikun aktar baxx minn 243 ECU kull 100 kilogramma.

Artikolu 9

Meta l-prezz fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodott assimiljat, li l-levy fuqu tkun differenti minn dik fuq il-prodott pilota tiegħu, jiġi rreġistrat bħala li hu konsiderevolment anqas mill-prezz li normalment ikun japplika fir-rigward tal-prezz tal-prodott pilota, il-*levy* għandha tkun ekwivalenti għat-total tal-komponenti li ġejjin:

(a) il-komponent ekwivalenti għall-ammont li jirriżulta minn dawk id-disposizzjonijiet ta' Artikoli 2 sa 7 li japplikaw għall-prodotti assimiljati f'dak il-każ,

(b) il-komponent addizzjonali stabbilit f'livell li jippermetti r-relazzjoni normali bejn il-prezzijiet fuq l-importazzjoni għal ġol-komposizzjoni u l-kwalità tal-prodotti assimiljati.

Artikolu 10

Il-komponent li jieħu akkont tal-kwalità miżjuda taz-zokkor jew ta' materja oħra ta' ħlewwa għandu jkun ekwivalenti għall-medja tal-levies fuq 50 kilogramma ta' zokkor abjad matul l-ewwel 20 jum tax-xahar li jiġi qabel ix-xahar meta l-levy fuq il-prodott tal-ħalib f'dak il-każ tkun applikabbli.

Artikolu 11

1. Il-kontenut tal-prodotti tal-ħalib ta' prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 2309 tan-nomenklatura magħquda riferiti f'Artikolu 3 (4), meta jkunu importati minn pajjiżi terzi għandu jkun stabbilit billi jiġi applikat il-koeffiċjent ta' 2 għall-kontenut tal-lattosju kull 100 kilogramma tal-prodott f'dak il-każ.

2. Il-metodi biex jiġi definit il-kontenut tal-lamtu tal-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 2309 tan-nomenklatura magħquda għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stiabilita f'Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75.

Artikolu 12

Meta l-prodott tal-ħalib elenkat f'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 jiġi mportat minn pajjiż terz fil-qafas tal-arranġament speċjali milħuqa bejn dak il-pajjiż u l-Komunità, fil-qafas tal-konċessjoni mill-Komunità miftehma fil-GATT, jew fil-qafas ta' konċessjoni awtonoma u li għaliha jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat IMA 1, maħruġ taħt il-kondizzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fir-Regolamenti tal-Kummissjoni promulgati fuq din il-kwistjoni, levy speċifika għandha tkun applikata.

Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-levies speċifiċi għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura li hemm provvediment dwarha f'Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 skond il-kontenut tal-arranġamenti speċjali milħuqa."

3. Anness I huwa mibdul bl-Anness li ġej:

"ANNESS

Numru tal-grupp	Gruppi ta' prodotti skond in-nomenklatura magħquda	Prodotti pilota għal kull grupp ta' prodotti
1	0404 10	Trab tax-xorrox, miksub bil-proċess tal-isprej, b'kontenut tal-ilma ta' anqas minn 5 % bil-piż, f'pakketti normalment użati fil-kummerċ tal-kontenut nett ta' 25 kg jew aktar.
2	0402 10 0403 90 11 0403 90 31 0404 90 11 0404 90 31 0404 90 51 0404 90 91 2309 10 15 2309 10 19 2309 10 39 2309 10 59 2309 10 70 2309 90 35 2309 90 39 2309 90 49 2309 90 59 2309 90 70	Trab tal-ħalib, miksub bil-proċess tal-isprej, b'kontenut ta' xaħam ta' anqas minn 1,5 % bil-piż u kontenut tal-ilma ta' anqas minn 5 % bil-piż f'pakketti normalment użati fil-kummerċ ta' kontenut nett ta' 25 kg jew aktar.
3	0402 21 0402 29 0403 90 13 0403 90 19 0403 90 33 0403 90 39 0404 90 13 0404 90 19 0404 90 33 0404 90 39 0404 90 53 0404 90 59 0404 90 93 0404 90 99	Trab tal-ħalib, miksub bil-proċess tal-isprej, b'kontenut ta' xaħam ta' 26 % bil-piż u kontenut tal-ilma ta' anqas minn 5 % bil-piż, f'pakketti normalment użati fil-kummerċ ta' kontenut nett ta' 25 kg jew aktar.

Numru tal-grupp	Gruppi ta' prodotti skond in-nomenklatura maghquda	Prodotti pilota ghal kull grupp ta' prodotti
4	0402 91 11 0402 91 19 0402 91 31 0402 91 39	Ħalib ikkonċentrat b'kontenut ta' xaħam ta' 7,5 % bil-piż u kontenut ta' materja xotta ta' 25 % bil-piż, fil-kaxxi jew f'kaxxi tal-kartun ta' 96 landa b'kontenut nett ta' 170 g.
5	0402 99 11 0402 99 19	Ħalib ikkonċentrat miżjud biz-zokkor, b'kontenut ta' xaħam ta' 9 % bil-piż u kontenut ta' materja lattika xotta ta' 31 % bil-piż, fil-kaxxi jew f'kaxxi tal-kartun ta' 48 landa b' kontenut nett ta' 397 g.
6	0401 0402 91 51 0402 91 59 0402 91 91 0402 91 99 0402 99 31 0402 99 39 0402 99 91 0402 99 99 0403 10 11 0403 10 13 0403 10 19 0403 10 31 0403 10 33 0403 10 39 0403 90 51 0403 90 53 0403 90 59 0403 90 61 0403 90 63 0403 90 69 0405	Butir b'kontenut ta' xaħam ta' 82 % bil-piż, f'pakketti normalment użati fil-kummerċ b'kontenut nett ta' 25 kg jew aktar.
7	0406 90 13 0406 90 15 0406 90 17	Ġobon Emmentaler, shiħ, maturat għal minn tlieta sa erba' xhur b'kontenut ta' xaħam ta' 45 % bil-piż, fil-materja xotta, minghajr ippakkjar.
8	0406 40	Ġobon tal-vina blu, shiħ b'kontenut ta' xaħam ta' 45 % bil-piż, fil-materja xotta, f'pakketti normalment użati fil-kummerċ.
9	0406 20 0406 90 19 0406 90 61 0406 90 63 0406 90 69	Ġobon Parmigiano Reggiano, shiħ, maturat għal 18 il-xahar, b'kontenut ta' xaħam ta' 32 % bil-piż, fil-materja xotta, minghajr ippakkjar.
10	0406 90 11 0406 90 21	Ġobon Cheddar, shiħ, maturat għal tlett xhur, b'kontenut ta' xaħam ta' 50 % bil-piż, fil-materja xotta u b'kontenut tal-ilma bil-piż tal-materja bla xaħam ta' aktar minn 50 % u mhux aktar minn 57 % minghajr ippakkjar.
11	0406 10 0406 30 0406 90 23 0406 90 25 0406 90 27 0406 90 29 0406 90 31 0406 90 33 0406 90 35 0406 90 37 0406 90 39	

Numru tal-grupp	Gruppi ta' prodotti skond in-nomenklatura magħquda	Prodotti pilota għal kull grupp ta' prodotti
11 *(ikompli)*	0406 90 50 0406 90 71 0406 90 73 0406 90 75 0406 90 77 0406 90 79 0406 90 81 0406 90 83 0406 90 85 0406 90 89 0406 90 91 0406 90 93 0406 90 97 0406 90 99	Ġobon sħiħ, maturat għal minn sitta sa tmien ġimgħat, b'kontenut ta' xaħam ta' 45 % bil-piż, fil-materja xotta, mingħajr ippakkjar.
12	1702 10 90 2106 90 51	Lattosju li fih, fl-istat xott, 98,5 % bil-piż tal-prodott pur, f'pakketti normalment użati fil-kummerċ."

4. Anness II huwa mħassar.

Artikolu 14

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2967/79 tat-18 ta' Diċembru 1979 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom ċerti ġobniet li jibbenefikaw minn trattament preferenzjali tal-importazzjoni għandhom jiġu proċessati [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3812/85 [2], huwa emendat kif ġej:

1. Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Ħlief kif hemm provvediment f'dan ir-Regolament, id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1535/77 għandhom japplikaw għal ġobniet li jaqgħu taħt is-subintestatura 0406 90 11 tan-nomenklatura magħquda intiżi għall-ipproċessar u importati taħt il-kwota tat-tariffa li hemm provvediment dwarha f'Anness I (i) tar-Regolament (KEE) Nru 1767/82."

2. Artikolu 2 (1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-ġobniet riferiti f'Artikolu 1 għandhom jiġu meqjusa bħala pproċessati meta jkun ġew ipproċessati fi prodotti li jaqgħu taħt is-subintestatura 0406 30 tan-nomenklatura magħquda."

Artikolu 15

Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2968/79 tal-20 ta' Diċembru 1979 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-provvista tal-assistenza amministrattiva b'konnessjoni mal-esportazzjoni ta' ġobniet rotob maturati magħmula minn ħalib tal-baqar li huma eliġibbli għal trattament speċjali mal-importazzjoni f'pajjiż li m'huwiex membru [3], huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Mal-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, inkluż il-Puerto Rico, ta' ġobniet rotob maturati magħmula minn ħalib tal-baqar, prodotti fil-Komunità u li huma konformi mad-definizzjoni stabbilita fl-Anness I t'hawn, ċertifikat li jikkorrispondi mal-mudell stabbilit f'Anness II għandu jinħareġ fuq talba tal-persuna kkonċernata."

Artikolu 16

Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1552/80 tal-20 ta' Ġunju 1980 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-provvista tal-assistenza amministrattiva b'konnessjoni mal-esportazzjoni ta' ċerti ġobniet li huma eliġibbli għal trattament speċjali mal-esportazzjoni lejn l-Awstralja [4], huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Għal esportazzjoni lejn il-Commonwealth tal-Awstralja ta':

— ġobniet rotob maturati w ġobniet prodotti esklussivament minn ħalib tal-mogħoż (eskluż l-Feta, t-Telemes u l-Kasseri),

— Ġobniet Roquefort u ġobon Stilton,

prodotti fil-Komunità u li jissodisfaw id-definizzjoni stabbilita f'Anness I t'hawn, ċertifikat li jikkorrispondi mal-mudell stabbilit f'Anness II t'hawn għandu jinħareg fuq talba tal-parti kkonċernata."

[1] ĠU Nru L 336, 29. 12. 1979, p. 23.
[2] ĠU Nru L 368, 31. 12. 1985, p. 3.
[3] ĠU Nru L 336, 29. 12. 1979, p. 25.
[4] ĠU Nru L 153, 21. 6. 1980, p. 23.

Artikolu 17

F'Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1932/81 tat-13 ta' Lulju 1981 dwar l-għoti tal-għajnuna għal butir u l-butir ikkonċentrat għall-użu fil-manifattura ta' prodotti tal-għaġina, il-ġelati u l-oġġetti oħra tal-ikel [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 453/85 [2], it-tieni nċiż huwa mibdul b'dan li ġej:

Is-Sezzjoni 106:

1. Id-data tal-iskadenza tal-perjodu għall-preżentazzjoni tal-offerti ndividwali riferiti f'Artikolu 2 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1932/81.

2. It-tip tal-inkorporazzjoni li tkun twettqet, bl-użu ta' waħda mill-espressjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

(a) Għal butir ikkonċentrat skond Anness I (V) tar-Regolament (KEE) Nru 262/79 jew għall-prodott intermedjarju w intiż għall-ipproċessar fi prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1901 20 20 u 1901 90 90 jew l-intestatura Nru 1905 tan-nomenklatura magħquda;

— 'il-prodott 1902 (monoglycerides, tocopherds/aċidu enanthic)' jew 'il-prodott 1902 (monoglycerides, tocopherds/stigmasterol)',

(b) Għal butir ikkonċentrat jew għall-prodott intermedjarju intiż għall-ipproċessar f'għaġina nejja li jaqa' taħt is-subintestaturi 1901 10, 1901 20 u 1901 90 90 jew fi prodotti li jaqgħu taħt is-subintestatura Nru 1905 tan-nomenklatura magħquda;

— 'il-prodott 1902-1908(vanilla/ aċidu enantiku)' jew 'il-prodott 1902-1908 (vanilla/stigmasterol)' fil-każ tal-prodotti li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni kif speċifikat f'Anness I (I) tar-Regolament (KEE) Nru 262/79,

— 'il-prodott 1902-1908(karotene/ aċidu enantiku)' jew 'il-prodott 1902-1908 (karotene/stigmasterol)' fil-każ tal-prodotti li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni kif speċifikat f'Anness I (II) tar-Regolament (KEE) Nru 262/79,

— 'il-prodott 1902-1908 (zokkor/aċidu enantiku)' jew 'il-prodott 1902-1908 (zokkor/stigmasterol)' fil-każ tal-prodotti li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni kif speċifikat f'Anness I (III) tar-Regolament (KEE) Nru 262/79,

— 'il-prodott 1902-1908 (trab tal-ħalib xkumat, zokkor/aċidu enantiku)' jew 'il-prodott 1902-1908 (trab tal-ħalib xkumat zokkor/stigmasterol)' fil-każ tal-prodotti li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni kif speċifikat f'Anness I (V) tar-Regolament (KEE) Nru 262/79,

(ċ) Għal butir ikkonċentrat jew għall-prodott intermedjarju intiżi għall-ipproċessar fi prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 1806 jew 2106:

— 'il-prodott 1806-2107 (vanilla/ sitosterol)' fil-każ tal-prodotti li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni kif speċifikat f'Anness II (I) tar-Regolament (KEE) Nru 262/79,

— 'il-prodott 1806-2107 (vanilla/ sitosterol)' fil-każ tal-prodotti li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni kif speċifikat f'Anness II (I) tar-Regolament (KEE) Nru 262/79,

— 'il-prodott 1806-2107 (zokkor/ sitosterol)' fil-każ tal-prodotti li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni kif speċifikat f'Anness II (III) tar-Regolament (KEE) Nru 262/79."

Artikolu 18

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2729/81 tal-14 ta' Settembru 1981 li jistabbilixxi regoli speċjali li jimplimentaw is-sistema tal-liċenzji għall-importazzjoni u l-esportazzjoni u

[1] ĠU Nru L 191, 14. 7. 1981, p. 6.
[2] ĠU Nru L 52, 22. 2. 1985, p. 40.

l-iffissar bil-quddiem ta' rifużjonijiet fir-rigward tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3812/85 [2], huwa emendat kif ġej:

1. Artikolu 1 (1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. L-ammont tal-garanzija fir-rigward tal-liċenzji għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni għandu jkun, kull 100 kilogramma netti tal-prodott:

— 1,00 ECU għall-prodotti li jaqgħu taħt l-intestaturi Nri 0401, 0403 tan-nomenklatura magħquda,

— 3,00 ECU għall-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 0406 tan-nomenklatura magħquda,

— 4,00 ECU għall-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 0405 tan-nomenklatura magħquda,

— 2,00 ECU għall-prodotti l-oħra elenkati f'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68."

2. F'Artikolu 2, l-ewwel inċiż huwa mibdul b'dan li ġej:

"— 500 kg fil-każ tal-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 0405 jew 0406 tan-nomenklatura magħquda."

3. F'Artikolu 3 (2) il-kliem "tat-Tariffa Komuni Doganali" huma mibdula bi "tan-nomenklatura magħquda."

4. F'Artikolu 3a, it-tieni inċiż, il-kliem "tat-Tariffa Komuni Doganali" huma mibdula bi "tan-nomenklatura magħquda."

5. Artikolu 4 (2) huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. B'żieda ma dan, meta ma jkunx hemm iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni, kull esportazzjoni 'l-barra mill-Komunità tal-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 0402 10 19, 0402 21 17, 0402 21 19, 0402 21 99, 0403 90 11, 0403 90 13, 0403 90 19, 0404 90 11, 0404 90 13, 0404 90 19, 0404 90 31, 0404 90 33, 0404 90 39 u tal-intestatura Nru 0405 tan-nomenklatura magħquda, huwa soġġett għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikat tal-esportazzjoni.'"

6. F'Artikolu 5, il-kliem "fit-Tariffa Komuni Doganali" u "tat-Tariffa Komuni Doganali" huma mindula rispettivament bi "fin-nomenklatura magħquda" u "tan-nomenklatura magħquda."

7. F'Artikolu 6, il-paragrafu 1, minbarra l-inċiżi, huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Meta l-liċenzja tal-esportazzjoni mingħajr iffissar bil-quddiem tar-rifużjonijiet tirrigwarda prodott li jaqa' taħt is-subintestaturi 0402 10 11, 0402 10 19, 0402 21, 0403 90 11, 0403 90 13, 0403 90 19, 0404 90 11, 0404 90 13, 0404 90 19, 0404 90 31, 0404 90 33 u 0404 90 39 jew tal-intestatura Nru 0405 tan-nomenklatura magħquda li għandu jiġi esportat taħt ir-Regolament li jimpedixxi l-għoti ta' rifużjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-għajnuna għall-ikel, l-applikazzjoni għall-liċenzja u l-liċenzja nfisha għandhom, fis-sezzjoni 12, jirreferu għar-Regolament involut, waqt li jużaw waħda mill-forom ta' kliem li ġejjin:"

8. F'Artikolu 8 (2), it-tieni paragrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"B'dana kollu, fil-każi meta, skond Artikolu 13, l-applikazzjoni għall-liċenzji tal-esportazzjoni jirrigwardaw biss l-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni fuq il-komponent tazzokkor tal-prodott li jaqa' taħt is-subintestaturi 0402 10 91, 0402 10 99, 0402 29, 0402 99, 0402 99 99, 0403 90 61, 0403 90 63, 0403 90 69, 0404 10 19, 0404 10 99 u 0404 90 51 sa 0404 90 99 tan-nomenklatura magħquda, id-disposizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu li jkopru l-applikazzjonijiet preżentati minhar ta' Ħamis m'għandhomx japplikaw."

9. F'Artikolu 10:

(a) il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il- liċenzji tal-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni għal prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 0402 10 19, 0402 21 17, 0402 21 19, 0402 21 99, 0403 90 11, 0403 90 13, 0403 90 19, 0404 90 11, 0404 90 13, 0404 90 19, 0404 90 31, 0404 90 33 u 0404 90 39 u l-intestatura Nru 0405 tan-nomenklatura magħquda għandhom jinħarġu biss fil-ħames jum taxxogħol wara l-ġurnata li fiha l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata, sakemm il-miżuri speċjali ma jittieħdux fil-perjodu li jintervjeni."

(b) il-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Għall-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 0405 tan-nomenklatura magħquda li jkunu sejrrin jiġu esportati jew mibgħuta lejn waħda mid-destinazzjonijiet riferiti f'Artikoli 5 sa 19b tar-Regolament (KEE) Nru 2730/79, it-talba għaċ-ċertifikat tal-esportazzjoni nnifsu għandha tinkludi, fis-sezzjoni 13, jew il-kliem 'Żona C2' inkella l-kliem 'Żone C1 jew destinazzjoni oħra apparti milli ż-Żoni C1 u C2'. Iċ-ċertifikat għandu jkun jenħtieġ li l-prodott jiġi esportat jew mibgħut lejn id-destinazzjoni ndikata minnu. Barra minn hekk, it-talba għaċ-ċertifikat u ċ-ċertifikat għandha tinkludi fis-sezzjoni 13, bħala indikazzjoni, l-isem tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni jew tad-destinazzjoni partikolari.

Iż-żoni tad-destinazzjoni huma dawk definiti fir-Regolament (KEE) Nru 1098/68."

(ċ) Fil-paragrafu 4, l-indikazzjoni "tal-intestatura Nru 0403 tat-Tariffa Komuni Doganali" hija mibdula bi "tal-intestatura Nru 0405 tan-nomenklatura magħquda."

[1] ĠU Nru L 272, 26. 9. 1981, p. 19.
[2] ĠU Nru L 368, 31. 12. 1985, p. 3.

(d) L-ewwel sentenza tal-paragarfu 5 hija mibdula b'dan li ġej:

"5. Għall-ħlas tar-rifużjoni għall-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 0405 tan-nomenklatura magħquda, id-disposizzjonijiet partikolari li ġejjin għandhom japplikaw."

10. F'Artikolu 11(2), il-kliem:
"tat-Tariffa Komuni Doganali" huma mibndula bil-kliem "tan-nomenklatura magħquda."

11. Artikolu 13 (1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 0402 10 91, 0402 10 99, 0402 29, 0402 99, 0403 90 31, 0403 90 33, 0403 90 39, 0403 90 61, 0403 90 63, 0403 90 69, 0404 10 19, 0404 10 99 u 0404 90 51 sa 0404 90 99 tan-nomenklatura magħquda, il-liċenzja tal-esportazzjoni tista, fuq it-talba tal-applikant, tinħareġ jew:

— fir-rigward ta' wieħed biss miż-żewġ komponenti riferiti f'Artikolu 2 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 1098/68, jew

— fir-rigward ta' dawn iż-żewġ komponenti."

12. Anness I huwa mibdul b'dan li ġej:

"ANNESS I

Lista ta' prodotti u destinazzjonijiet li għalihom ir-rifużjonijiet ma jistgħux jiġu ffissati bil-quddiem

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Destinazzjoni
0406		L-Awstrija u l-Andorra
ex 0406 90	Butterkaese, Danbo, Edam, Elbo, Esrom, Fontal, Fontina, Fynbo, Galantine, Gouda, Havarti, Italico, Maribo, Molbo, Mimolette, Samso, Saint-Paulin, Tilsit, Tybo u ġobniet oħra b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 30 % bil-piż, fil-materja xotta, u b'kontenut tal-ilma, kalkolat bil-piż, tal-materja mingħajr xaħam li teċċedi t-52 % iżda li ma teċċedix is-67 %	Il-Liechtenstein,"

13. Anness II huwa mibdul b'dan li ġej:

"ANNESS II

Perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni.

Perjodu tal-validità	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Destinazzjoni obbligatorja [1]
(a) 30 jum	0406	Ġobon u baqta	Żona E u l-Kanada
(b) Sa tmiem is-sitt xahar wara dak tal-ħruġ	Prodotti speċifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 eskluż i l-prodotti li sejrin jiġu esportati lejn id-destinazzjonijiet riferiti taħt (a)		–

[1] Ara Artikolu 11 (3) B'dana kollu, meta l-Anness I jeskludi l-iffissar bil-quddiem għal ċerti prodotti u destinazzjonijiet, il-ħruġ tal-liċenzja tal-esportazzjoni għal dawk il-prodotti għandha tgħamilha obbligatorja li jiġu esportati lejn destinazzjoni oħra minbarra dik indikata fl-Anness I.

Artikolu 19

Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3677/81 tat-22 ta' Diċembru 1981 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-provvista tal-assistenza amministrattiva b'konnessjoni mal-esportazzjoni ta' ġobniet li huma eliġibbli għal trattament speċjali mal-importazzjoni fil-Finlandja [1], huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Mal-esportazzjoni lejn il-Finlandja ta' ġobniet, li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 0406 tan-nomenklatura magħquda li huma prodotti fil-Komunità, ċertifikat li jikkorrispondi mal-mudelli stabbiliti fl-Anness t'hawn għandu jinħareġ fuq it-talba tal-persuna konċernata."

Artikolu 20

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1767/82 tal-1 ta' Lulju 1982, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' levies speċifiċi tal-importazzjoni fuq ċerti prodotti tal-ħalib [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3048/87 [3], huwa emendat kif ġej:

1. F'Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-levies applikabbli għal prodotti tal-ħalib importati minn pajjiż terz

— skond id-disposizzjonijiet ta' Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2915/79,

— skond id-disposizzjonijiet ta' Artikolu 12 tar-Regolament imsemmi qabel, huma stabbiliti f'Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament."

2. F'Artikolu 1, il-paragrafu 3 għandu jkun mħassar.

3. Artikolu 8 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

L-ebda ammont ta' kumpens monetarju m'għandu jiġi applikat meta l-prodotti speċifikati f'Anness I (b), (ċ), (d), (ġ), (ħ), (i), (j), (m), (n), (o), (p) u (s) jitqegħdu fiċ-ċirkolazzjoni mingħajr ħlas."

4. Artikolu 8a li ġej huwa miżjud:

"*Artikolu 8a*

Għall-kwantitatjiet ta' ġobon importati fi Spanja u l-Portugall mill-pajjiżi tal-EFTA, il-levies w id-disposizzjonijiet speċifiċi w relatati tal-ftehim addizzjonali huma applikabbli."

5. Anness I huwa mibdul b'dan li ġej:

[1] ĠU Nru 367, 23. 12. 1981, p. 12.
[2] ĠU Nru L 196, 5. 7. 1982, p. 1.
[3] ĠU Nru L 289, 13. 10. 1987, p. 18.

"ANNESS I

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Pajjiż tal-oriġini	Levy fuq l-importazzjoni f'ECU għal kull 100 kg piż nett sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor
(a) 0402 29 11	Ħalib speċjali, għat-trabi, f'kontenituri ssiġillati ermetikament b'kontenut nett li ma jeċċedix il-500g, b'kontenut ta' xaħam bil-piż li jeċċedi l-10 % u ma jeċċedix is-27 %	L-Isvizzera	36,27
(b) 0406 20 10 0406 90 19	Ġobon bil-ħwawar Glarus (magħruf bħala Sc *ha*bziger)	L-Isvizzera	6 % tal-valur doganali
(c) ex 0406 90 13 ex 0406 90 15 ex 0406 90 17	Emmentaler, Gruyère, Sbrinz, Appenzell, Vacherin fribourgeois, Vacherin mont d'or u Tête de Moine, b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 45 % bil-piż, fil-materja xotta, maturat għal mill-anqas 18 il-jum fil-każ tal-Vacherin mont d'or, għal mill-anqas xahrejn fil-każ tal-Vacherin fribourgeois u mill-anqas tlett xhur fil-każ tal-oħrajn: — Ġobniet sħaħ bil-qoxra (1), ta' valur frank fil-fruntiera (2) ta' mhux anqas minn 362,88 ECU iżda anqas minn 387,06 ECU kull 100 kg piż nett — Biċċiet ippakkjati fil-vakwu jew gass inerti, qoxra (3) fuq mill-anqas naħa waħda, ta' piż nett ta' mhux anqas minn 1 kg iżda anqas minn 5 kg u ta' valur frank fil-fruntiera ta' mhux anqas minn 387,06 ECU iżda anqas minn 411,24 ECU kull 100 kg piż nett	L-Isvizzera	18,13
(d) ex 0406 90 13 ex 0406 90 15 ex 0406 90 17	Emmentaler, Gruyère, Sbrinz, Appenzell, Vacherin fribourgeois, Vacherin mont d'or u Tête de Moine, b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 45 % bil-piż, fil-materja xotta, maturat għal mill-anqas 18 il-jum fil-każ tal-Vacherin mont d'or, għal mill-anqas xahrejn fil-każ tal-Vacherin fribourgeois u mill-anqas tlett xhur fil-każ tal-oħrajn: — Ġobniet sħaħ bil-qoxra (1), ta' valur frank fil-fruntiera (2), mhux anqas minn 387,06 ECU kull 100 kg piż nett — Biċċiet ippakkjati fil-vakwu, jew f'gass inerti (3), bil-qoxra (1)fuq mill-anqas naħa waħda, ta' piż nett ta' mhux anqas minn 1 kg u ta' valur frank fil-fruntiera (2) ta' mhux anqas minn 411,24 ECU kull 100 kg piż nett — Biċċiet ippakkjati fil-vakwu jew f'gass inerti (3), ta' piż nett li ma jeċċedix l-450 g u ta' valur frank fil-fruntiera (2) ta' mhux anqas minn 445,09 ECU kull 100 kg piż nett	L-Isvizzera	9,07
(e) ex 0406 90 13 ex 0406 90 15 ex 0406 90 17	Emmentaler, Gruyère, Sbrinz u Bergkaese, ta' kontenut minimu ta' xaħam ta' 45 % bil-piż, fil-materja xotta, maturat għal mill-anqas tlett xhur: — Ġobniet sħaħ bil-qoxra (1)soġġetti għal kwota annwali tat-tariffa ta' 6 850 tunnellata metrika, inkluża l-kwota għall-Finlandja riferita fil-punt (r) li toriġina mill-Finlandja	Il-Finlandja	18,13

(1) (a) 'Ġobniet sħaħ, bil-qoxra' tfisser ġobniet sħaħ tal-piżijiet netti li ġejjin:

— Emmentaler:	mhux anqas minn 60 kg iżda mhux aktar minn	130 kg inklużi,
— Gruyère:	mhux anqas minn 20 kg iżda mhux aktar minn	45 kg inklużi,
— Sbrinz:	mhux anqas minn 20 kg iżda mhux aktar minn	50 kg inklużi,
— Bergkaese:	mhux anqas minn 20 kg iżda mhux aktar minn	60 kg inklużi,
— Appenzell:	mhux anqas minn 6 kg iżda mhux aktar minn	8 kg inklużi,
— Vacherin fribourgeois:	mhux anqas minn 6 kg iżda mhux aktar minn	10 kg inklużi,
— Tête de moine:	mhux anqas minn 0,700 kg iżda mhux aktar minn	4 kg inklużi,
— Vacherin mont d'or:	mhux anqas minn 0,400 kg iżda mhux aktar minn	3 kg inklużi,

Għall-iskopijiet ta' dawn id-disposizzjonijiet 'il-qoxra' hija definita kif ġej:

'Il-qoxra ta' dawk il-ġobniet hija s-saff ta' barra magħmul mill-ġobon stess, li jkollu b'mod li jingħaraf konsistenza aktar solida u b'kulur distint aktar skur.'

(b) 'Ġobniet cheddar sħaħ' tfisser:

— ġobniet sħaħ ta' piż nett ta' mhux anqas minn 33 kg iżda mhux aktar minn 44 kg inklużi,

— blokok kubiċi jew parallelepiped ta' ġobon ta' piż nett ta' mhux anqas minn 10 kg.

(2) 'Valur frank fil-fruntiera' tfisser il-prezz frank fil-fruntiera jew prezz fob fil-pajjiż tal-esportazzjoni, mgħadud ma' l-ammont fiss, meta jkun xieraq, għall-ispejjeż tal-konsenja sat-territorju doganali tal-Komunità.

(3) Il-konċessjoni għandha tapplika għall-blokok rettangulari jew għall-biċċiet ippakkjati bil-vakwu fil-gass inerti sakemm l-ippakkjar ta' dawk l-oġġetti jkun iġib mill-anqas id-dettalji li ġejjin:

— l-isem tal-ġobon,

— il-kontenut ta' xaħam bil-piż fil-materja xotta,

— il-pakkjatur responsabbli,

— il-pajjiż tal-oriġini tal-ġobon,

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Pajjiż tal-oriġini	Levy fuq l-importazzjoni f'ECU għal kull 100 kg piż nett sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor
(e) ex 0406 90 13 ex 0406 90 15 ex 0406 90 17 *(ikompli)*	— Biċċiet ippakkjati fil-vakwu jew gass inerti (1), bil-qoxra (2) (a) fuq mill-anqas naħa waħda, ta' piż nett ta' mhux anqas minn 1 kg iżda anqas minn 5 kg, soġġetti għal kwota tat-tariffa annwali ta' 1 700 tunnellata metrika li joriġinaw mill-Finlandja. Il-kwantitajiet li ssir referenza dwarhom fl-ewwel u t-tieni inċiżi jistgħu jinbidlu ma' xulxin sa 25 % tal-kwantitajiet murija		
(f) ex 0406 90 13 ex 0406 90 15 ex 0406 90 17	Emmentaler, Gruyère, Sbrinz u Bergkaese, ta' kontenut minimu ta' xaħam ta' 45 % bil-piż, fil-materja xotta, maturati għal mill-anqas tlett xhur: — Ġobniet sħaħ (2) — Biċċiet ippakkjati fil-vakwu jew gass inerti (1), bil-qoxra (2) fuq mill-anqas naħa waħda, ta' piż nett ta' mhux anqas minn 1 kg — Biċċiet ippakkjati fil-vakwu jew f'gass inerti (1), ta' piż nett ta' mhux aktar minn 450 g Sal-limitu tal-kwota annwali tat-tariffa ta' 8 000 tunnellata metrika, li joriġinaw mill-Awstrija	L-Awstrija	18,13
(g) ex 0406 90 21	Cheddar, magħmul minn ħalib mhux pasturizzat, b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 50 % bil-piż, fil-materja xotta, maturat għal mill-anqas disa' xhur, ta' valur frank fil-fruntiera (3) kull 100 kg piż nett ta' mhux anqas minn: — 293,86 ECU fil-każ ta' ġobniet sħaħ (2) (b) — 312,00 ECU fil-każ ta' ġobniet ta' piż nett ta' mhux anqas minn 500 g — 324,09 ECU fil-każ ta' ġobniet ta' piż nett ta' mhux anqas minn 500 g Soġġetti għal kwota tat-tariffa annwali ta' 2 750 tunnellata	Il-Kanada	12,09
(h) ex 0406 90 21	Ġobniet cheddar sħaħ (2) (a), b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 50 % bil-piż, fil-materja xotta, maturati għal mill-anqas tlett xhur, soġġetti għal kwota annwali tat-tariffa ta' 9 000 tunnellata metrik	L-Awstralja u n-New Zealand	15,00
(i) ex 0406 90 11	— Cheddar u — Ġobniet oħra intiżi għall-ipproċessar, soġġetti għal kwota annwali tat-tariffa ta' ta' 3 500 tunnellata metrika	L-Awstralja u n-New Zealand	15,00
(j) ex 0406 30 10	Ġobon ipproċessat, mhux maħkuk jew fi trab, fit-taħlita li minnha Emmentaler, Gruyère u Appenzell biss ġew użati u li jista' jkun fihom, bħala żieda, ġobon tal-ħwawar Glarus (magħruf bħala Schabziger), imqiegħed għall-bejgħ bl-imnut (4), ta' valur frank fil-fruntiera (3) ta' mhux anqas minn 243 ECU kull 100 kg piż nett u b kontenut ta' xaħam li ma jeċċedix is-56 % bil-piż, fil-materja xotta	L-Isvizzera	36,27

(1) Il-konċessjoni għandha tapplika għall-blokok rettangulari jew għall-biċċiet ippakkjati bil-vakwu fil-gass inerti sakemm l-ippakkjar ta' dawk l-oġġetti jkun iġib mill-anqas id-dettalji li ġejjin:
— l-isem tal-ġobon,
— il-kontenut ta' xaħam bil-piż fil-materja xotta,
— il-pakkjatur responsabbli,
— il-pajjiż tal-oriġini tal-ġobon,

(2) (a) 'Ġobniet sħaħ, bil-qoxra' tfisser ġobniet sħaħ tal-piżijiet netti li ġejjin:

— Emmentaler:	mhux anqas minn 60 kg iżda mhux aktar minn	130 kg inklużi,
— Gruyère:	mhux anqas minn 20 kg iżda mhux aktar minn	45 kg inklużi,
— Sbrinz:	mhux anqas minn 20 kg iżda mhux aktar minn	50 kg inklużi,
— Bergkaese:	mhux anqas minn 20 kg iżda mhux aktar minn	60 kg inklużi,
— Appenzell:	mhux anqas minn 6 kg iżda mhux aktar minn	8 kg inklużi,
— Vacherin fribourgeois:	mhux anqas minn 6 kg iżda mhux aktar minn	10 kg inklużi,
— Tête de moine:	mhux anqas minn 0,700 kg iżda mhux aktar minn	4 kg inklużi,
— Vacherin mont d'or:	mhux anqas minn 0,400 kg iżda mhux aktar minn	3 kg inklużi,

Għall-iskopijiet ta' dawn id-disposizzjonijiet 'il-qoxra' hija definita kif ġej:

'Il-qoxra ta' dawk il-ġobniet hija s-saff ta' barra magħmul mill-ġobon stess, li jkollu b'mod li jingħaraf konsistenza aktar solida u b'kulur distint aktar skur.'

(b) 'Ġobniet cheddar sħaħ' tfisser:
— ġobniet sħaħ ta' piż nett ta' mhux anqas minn 33 kg iżda mhux aktar minn 44 kg inklużi,
— blokok kubiċi jew parallelepiped ta' ġobon ta' piż nett ta' mhux anqas minn 10 kg.

(3) 'Valur frank fil-fruntiera' tfisser il-prezz frank fil-fruntiera jew prezz fob fil-pajjiż tal-esportazzjoni, mgħadud ma' l-ammont fiss, meta jkun xieraq, għall-ispejjeż tal-konsenja sat-territorju doganali tal-Komunità.

(4) L-espressjoni 'mqieghed għall-bejgħ bl-imnut' għandha tittieħed bħala li tapplika għal ġobon imqieghed f'pakketti mmedjati ta' piż nett li ma jeċċedix 1 kg li jkun fih porzjonijiet jew biċċiet ta' piż nett individwali li ma jeċċedix il-100 g.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Pajjiż tal-oriġini	Levy fuq l-importazzjoni f'ECU għal kull 100 kg piż nett sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor
(k) ex 0406 30 10	Ġobon ipproċessat, mhux maħkuk jew fit-trab, fit-taħlita li minnha Emmentaler, Gruyère u Appenzell biss ġew użati u li jista' jkun fihom, bħala żieda ġobon tal-ħwawar Glarus (magħruf bħala Schabziger), imqieġħed għall-bejgħ bl-imnut (1), b'kontenut ta' xaħam bil-piż fil-materja xotta li ma jeċċedix is-56 % bil-piż, fil-materja xotta, soġġett għal kwota annwali tat-tariffa ta' 700 tunnellata metrika, inklużi l-ġobniet Tilsit, Turunmaa u Lappi li ssir referenza dwarhom fil-punt (t), li joriġinaw mill-Finlandja	Il-Finlandja	36,27
(l) ex 0406 30	Ġobon ipproċessat, mhux maħkuk jew fit-trab, fit-taħlita li minnha Emmentaler, Bergkaese jew ġobniet iebsin oħra simili jkun ġew użati, mqegħda għall-bejgħ bl-imnut (1), u b'kontenut ta' xaħam bil-piż fil-materja xotta li ma jeċċedix is-56 % bil-piż, fil-materja xotta, soġġett għal kwota annwali tat-tariffa ta' 3 750 tunnellata metrika, li joriġinaw mill-Awstrija	L-Awstrija	36,27
(m) ex 0406 90 25	Tilsit, b'kontenut ta' xaħam li ma jeċċedix it-48 % bil-piż, fil-materja xotta	Ir-Rumanija u L-Isvizzera	77,70
(n) ex 0406 90 25	Tilsit, b'kontenut ta' xaħam li ma jeċċedix it-48 % bil-piż fil-materja xotta	Ir-Rumanija u L-Isvizzera	101,88
(o) ex 0406 90 29	Kashkaval	Il-Bulgarija L-Ungerija L-Iżrael Ir-Rumanija It-Turkija Ċipru Il-Jugoslavja	65,61
(p) 0406 90 31 0406 90 50	Ġobon mill-ħalib tan-nagħaġ, f'kontenituri li jkun fihom ilma mielaħ, jew fi fliexken tal-ġilda tan-nagħaġ jew il-ġilda tal-mogħoż	Il-Bulgarija L-Ungerija L-Iżrael Ir-Rumanija It-Turkija Ċipru Il-Jugoslavja	65,61
(q) 0406 40 00 ex 0406 90 23 ex 0406 90 25 0406 90 27 0406 90 35 0406 90 89	— Ġobon bil-vina blu — Tilsit, maturat għal mill-anqas xahar u Butterkaese — Mondseer, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż fil-materja xotta ta' mhux anqas minn 40 % iżda anqas minn 48 % — Alpentaler, b'kontenut ta' xaħam ta' 45 % bil-piż fil-materja xotta u kontenut tal-ilma ta' aktar minn 40 % iżda anqas minn 45 % bil-piż — Edam, b'kontenut ta' xaħam bil-piż, fil-materja xotta, ta' aktar minn 40 % iżda anqas minn 48 %, imqegħda f'forom ta' piż nett li ma jeċċedix it-350 g (magħruf bħala *Geheimratskaese*)	l-Awstrija	60,00

(1) L-espressjoni 'mqieghed ghall-bejgh bl-imnut' ghandha tittiehed bhala li tapplika ghal ġobon imqieghed f'pakketti mmedjati ta' piż nett li ma jeċċedix 1 kg li jkun fih porzjonijiet jew biċċiet ta' piż nett individwali li ma jeċċedix il-100 g.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Pajjiż tal-oriġini	Levy fuq l-importazzjoni f'ECU ghal kull 100 kg piż nett sakemm ma jkunx speċifikat mod iehor
(q) 0406 40 00 ex 0406 90 23 ex 0406 90 25 0406 90 27 0406 90 35 0406 90 89 *(ikompli)*	— *'Tiroler Graukaese'*, b'kontenut ta' xaħam bil-piż fil-materja xotta ta' anqas minn 1 % u kontenut tal-ilma ogħla minn 60 % iżda anqas minn 66 % bil-piż — Ġobniet magħrufa bħala *'Weisskaese nach Balkanart'* u *'Kefalotyri'*, ipproċessati mill-ħalib tal-baqar, b'kontenut ta' xaħam bil-piż fil-materja xotta ta' anqas minn 48 %Soġġetti għal kwota annwali tat-tariffa totali ta' 3 950 tunnellata metrika, li joriġinaw mill-Awstrija Għas-sena 1987, din il-kwota hija stabbilita bħala 3 050 tunnella metrika		
(r) ex 0406 90 37	Il-Finlandja, b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 45 % bil-piż, fil-materja xotta, immaturat għal mill-anqas 100 jum, fi blokok rettangulari ta' piż nett ta' mhux anqas minn 30 kg, li joriġinaw mill-Finlandja, soġġetti għal kwota annwali tat-tariffa ta' 3 000 tunnellata metrika. Il-kwantitajiet ta' dan il-prodott li m'humiex importati jistgħu jiġu sostitwiti bi kwantitajiet li jikkorrispondu tal-ġobniet elenkati f'punt (e), l-ewwel inċiż	Il-Finlandja	18.13
(s) ex 0406 69 39 ex 0406 90 89	— Jarlsberg, b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 45 % bil-piż fil-materja xotta u kontenut ta' materja xotta ta' mill-anqas 56 %, maturat għal mill-anqas tlett xhur: — Ġobniet sħaħ bil-qoxra, bejn 8 u 12 kg — Fi blokok rettangulari ta' piż nett ta' mhux aktar minn 7 kg (2) — Biċċiet ippakkjati fil-vakwu jew gass inerti, ta' piż nett ta' mhux anqas minn 150 g u mhux aktar minn 1 kg (2) — Ridder, b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 60 % bil-piż, fil-materja xotta, maturat għal mill-anqas erba' ġimgħat: — Ġobniet sħaħ bil-qoxra, minn 1 sa 2 kg — Biċċiet ippakkjati fil-vakwu jew f'gass inerti, bil-qoxra fuq mill-anqas naħa waħda, ta' piż net ta' mill-anqas 150 g li joriġinaw fin-Norveġja, soġġetti għal kwota annwali tat-tariffa ta': (2) — 1 820 tunnellata metrika għall-1986, — 1 920 tunnellata metrika għall-1987, — 2 020 tunnellata metrika għall-1988	In-Norveġja	55,00
(t) 0406 90 25 ex 0406 90 89	Tilsit, Turunmaa u Lappi, soġġetti għall-kwota annwali tat-tariffa elenkata fil-punt (k)	Il-Finlandja	60,00

(1) Ħalib speċjali għat-trabi tfisser prodotti ħielsa minn mikrobi patoġeniċi u tossiġeniċi u li jkollhom anqas minn 10 000 batterja aerobika li tiġġedded u tissaħħaħ u anqas minn 2 batterji koliformi kull gramma.

(2) Il-konċessjoni għandha tapplika għall-blokok rettangulari jew għall-biċċiet ippakkjati bil-vakwu fil-gass inerti sakemm l-ippakkjar ta' dawk l-oġġetti jkun iġib mill-anqas id-dettalji li ġejjin:
— l-isem tal-ġobon,
— il-kontenut ta' xaħam bil-piż fil-materja xotta,
— il-pakkjatur responsabbli,
— il-pajjiż tal-oriġini tal-ġobon, "

6. Anness II huwa mibdul b'dan l-ġej:

"ANNESS II

ĊERTIFIKAT IMA 1

1. Il-Bejjiegħ	2. In-numru tas-serje tal-ħruġ	**L-ORIĠINAL**
	IĊ-ĊERTIFIKAT	
3. Ix-Xerrej	**għad-dħul ta' ċerti prodotti mill-ħalib skond ċerti intestaturi jew subintestaturi tan-Nomenklatura Magħquda**	
4. In-numru u d-data tal-fattura	5. Il-Pajjiż tal-oriġini	6. L-Istat Membru tad-destinazzjoni

IMPORTANTI

A. Ċertifikat separat għandu jkun magħmul għal kull waħda mill-formoli tal-preżentazzjoni ta' kull prodott.

B. Iċ-ċertifikat għandu jkun f'lingwa uffiċjali tal-Komunità Ekonomika Ewropea. Jista' ikun fih wkoll traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew waħda mill-lingwi uffiċjali tal-pajjiż tal-esportazzjoni.

C. Iċ-ċertifikat għandu jkun magħmul bi qbil mad-disposizzjonijiet Komunitarji fis-seħħ.

D. L-oriġinal u, fejn xieraq, kopja taċ-ċertifikat, għandhom ikunu ppreżentati lill-uffiċċju doganali fil-Komunità fil-waqt ta meta l-prodott jitpoġġa għaċ-ċirkolazzzjoni ħielsa.

7. Il-marki, in-numru u l-kwalita tal-pakkeġġi; deskrizzjoni dettaljata tal-prodott u l-partikolaritajiet tal-formola tal-preżentazzjoni tiegħu.	8. Il-piż gross (kg)	9. Il-piż nett (kg)

10. Il-materja prima wżata

11. Il-kontenut xaħmi bil-piż (kg), riferit fil-materja xotta

12. Il-kontenut tal-ilma bil-piż (kg), fil-materja mhux xahmija

13. Il-kontenut xaħmi bil-piż (kg)

14. Il-perijodu taż-żmien sa meta jimmatura

15. Il-prezz Komunitarju frank-fuq-il-fruntiera għal kull 100 kg ta' piż nett net (f'ECI) ugwali għal jew iktar minn:

16. Osservazzjonijiet: (a) kwoti tat-tariffa [1]
(b) intiż għall-ipproċessar [1],

17. HUWA HAWNHEKK ĊERTIFIKAT

— li l-partikolaritajiet iddikjarati hawn fuq huma eżatti u huma konformi mad-disposizzjonijiet Komunitarji fis-seħħ.

— li għall-prodotti deskritti hawn fuq, l-ebda skont, rifużjoni, jew xi ribass iehor m'għandu jkun mogħti lix-xerrej, li jista' jwassal lill-prodott f'dak il-każ li jkollu valur anqas mill-valur minimu tal-importazzjoni fissat għal dak il-prodott [2].

18. Aġenzija tal-ħruġ	Post Sena Xhar Jum (Firma u timbru tal-aġenzija tal-ħruġ')

Ħassar kif meħtieġ.
Din il-klawsola hija mħassra fil-kas ta' ġobnijiet tal-ħalib tan-nagħaġ jew bufli, għall-Gżaris, Tilsit, Butterkase u għal ħalib speċjali tat-tfal.

7. Anness III huwa mibdul b'dan l-ġej:

"*ANNESS III*

Regoli biex jimtlew iċ-ċertifikati

Dawn li ġejjin għandhom ikunu mimlija, flimkien mal-kaxxi 1 sa 6, 9, 17 u 18 taċ-ċertifikat IMA 1:

A. Fir-rigward tal-ħalib speċjali għat-trabi li jaqa' taħt is-subintestatura 0402 29 11 tan-nomenklatura magħquda:

1. Fil-Kaxxa 7 billi jkun speċifikat 'ħalib speċjali għat-trabi li huwa ħieles minn mikrobi tossiġeniċi u patoġeniċi u li fih għal kull gramma anqas minn 10 000 batterja aerobika li tiġġedded u tissaħħaħ u anqas minn żewġ batterji koliformi',

2. Fil-Kaxxa 10 billi jkun speċifikat 'ħalib tal-baqar esklussivament prodott fid-dar',

3. Fil-Kaxxa 13 billi jkun speċifikat 'jeċċedi l-10 % iżda ma jeċċedix is-27 %',

